# Il-Festa ta' Santa Marija fil-Ħajja Tagħna

minn Tony Terribile



**Il-festa** ta' Santa Marija hija waħda mill-festi prinċipali tal-gżejjer tagħna, biżżejjed naraw l-għadd sabiħ ta' parroċċi fil-gżejjer tagħna li jqimu lil Marija Assunta bħala t-titular tagħhom.

Din il-festa tiġi ċċelebrata fil-qalba tas-sajf Malti, jiġifieri f'nofs Awissu meta allura t-temp jibda jaqleb, u xi bexxa xita tibda ssaqqi l-art niexfa maħruqa bix-xemx. Xi sħaba tibda tgħatti x-xemx. Il-Maltin laqqmu din is-sħaba bħala *l-għarixa ta' Santa Marija*, it-temp jibda jitgħarrax.



Xi sajjieda jħarsu wkoll fl-ajru u jgħidu "Ara dik is-sħaba ta' Santa Marija" u għal dawn is-sajjieda, dik is-sħaba (fuq ix-Xlokk ta' gżiritna) kienet tfisser li l-bnazzi kien qrib u għalhekk kienu jistgħu joħorġu għal-lampuki u hekk daħal qawl fost is-sajjieda li jgħid hekk: *Għal Santa Marija aħseb biex tkala ċ-ċimi.*

Iċ-ċima tkun magħmula minn biċċa sufra li titwaddab il-baħar biex taħthom jistkennu l-fanfri u l-lampuki.



Il-kaċċaturi, bħas-sajjieda rabtu n-namra tagħhom mal-festa ta' Santa Marija. Bosta minnhom jgħidulek li f'din il-festa tittajjar fuq il-gżejjer tagħna d-daqquqa l-kaħla magħrufa wkoll bħala *s-sultan tal-gamiem*.

Il-bdiewa wkoll għandhom bosta għidut, drawwiet u proverbji marbuta ma' din il-festa.

Il-biċċa l-kbira tal-bdiewa tagħna jħallsu l-qbiela tagħhom ma' din il-festa. Il-qbiela tfisser il-ħlas tal-kera ta'l-art li jaħdmu u kemm hu hekk jgħidu "Santa Marija f'nofs Awissu u kulħadd jieħu li jmissu."

Fl-imgħoddi aktar mil-lum, ħafna bdiewa kienu jrabbu n-naħal biex minnhom jieħdu l-għasel. Kienet sengħa speċjali li titlob paċenzja u impenn kontinwu.



Disinni oriġinali ta' Martin Formosa

In-naħal kien jgħaddi ġimgħat sħaħ jiġbor l-għasel mill-fjuri u ż-żahar tal-frott. Il-ħażna kienet tkun kbira u ma' nofs Awissu l-bidwi kien jiġbor l-għasel għax kienu jgħidu li "Jekk ix-xehed ma jinġabarx sa Santa Marija jsir naħal."

Ħelwa ħafna l-frażi li kienu jgħidu l-bdiewa ta' l-imgħoddi dwar il-ħarrub u x-xitan.

Il-ħarruba tagħmel il-frott matul is-sena kollha. F'Awissu l-ħarrub jiswied u jsir u tibda twaqqgħu u tibda ttella' l-frott għas-sena ta' wara u għalhekk qabel Santa Marija, il-bdiewa kienu jieħdu ħsieb jaqtgħuh u jużawh, l-aktar biex jagħmlu l-ġulep, għaliex kienu jgħidu li jekk ma jaqtgħux il-ħarrub sa Santa Marija, ix-xitan jista' jiġi fuq is-siġra u jisħetha.

Iż-żriegħ tal-patata wkoll intrabat ma' din il-festa kbira, għaliex il-bdiewa xjuħ kienu jiżirgħu l-patata wara din il-festa. Ir-raġuni kienet li f'dan iż-żmien tas-sena l-patata kienet tibda taqsam, tnibbet in-nibbieta u titkemmex. Dawn kienu jkunu l-aqwa eżempji li din il-patata tkun waslet biex tinżera'.

Għal nofs Awissu tinżera' wkoll is-silla. Fl-imgħoddi kienu jagħmluha bil-qoxra b'kollox u jwaddbuha (bla ma jidfnuha) fuq il-wiċċ tal-ħamrija. Il-qoxra tas-silla kienet tkun iebsa u allura kienet iddum biex titmermer – Allura x'kienu jagħmlu?

Għal Santa Marija kienu jferxuha fil-wiċċ tal-ħamrija u kienu jemmnu li bejn is-sħana tax-xemx u n-nida tal-lejl il-qoxra kienet tirtab u tispiċċa u għalhekk kien ikun faċli li ż-żerriegħa tas-silla toħroġ u tinbet. Dawn huma ftit tifkiriet tal-ħidma tal-poplu tagħna marbuta ma' waħda mill-akbar festi li niċċelebraw fil-gżejjer tagħna, il-festa ta' Santa Marija.